# IL-*BRAVI* FID-DAR TA' LUĊIJA

(*Kelma b'kelma mill-"Promessi Sposi" tal-Manzoni Taqs.* VIII *għan-nofs*)

Ton, ton, ton, ton : in-nies tar-raħal jaqbżu bil-qiegħda fuq is-sodda; iż-żgħażagħ, mixħutin fil-mitben, itawlu widnejhom, iqumu bil-wieqfa — X'ġara? x'ġara? Il-qampiena ddoqq it-tokki! Nar? ħallelin? imtarrfin? — Bosta min-nisa jiftħu għajnejn, jitolbu lil żwieġhom li ma jiċċaqalqux, li jħallu jiġru lill-oħrajn : xi wħud iqumu u jmorru fit-tieqa : il-ġwejjef, bħalkieku qagħdu għat-talb, jerġgħu għal taħt il-għata : l-aktar seksieka u l-aktar irġiel jinżlu jaqbdu l-midra u l-azzarin, biex jiġru għall-ħsejjes: l-oħrajn jibqgħu jaraw.

Iżda, qabel ma dawk hejjew ruħhom, qabel ukoll ma kienu stenbħu sewwa, il-ħoss kien wasal f'widnejn oħrajn, li kienu jishru, mhux il-bogħod, fuq riġlejhom u lebsin: il-*bravi* banda, Anjeża u Perpetwa f'oħra. Ngħidu qabel, fil-qasir, x'qagħdu jagħmlu dawk, mindu ħallejniehom, biċċa fil-għorfa u biċċa fil-ħanut ta' l-ikel. Dawn it-tlieta, meta raw il-bibien ta' barra kollha magħluqa u t-triq baħħ, ħarġu bilġri, bħalkieku ntebħu li ddawru u jgħidu li jridu jfittxu jmorru d-dar għamlu dawra mar-raħal, biex jaraw sewwa jekk kienx inġabar kullħadd; u tabilħaqq, ma ltaqgħux ma' ruħ, anqas ma semgħu l-iċken ħoss. Għaddew ukoll, qajl qajl, minn quddiem id-dwejra fqajra tagħna : l-aktar ħiemda fost kollha, għaliex ma kien hemm fiha ħadd iżjed. Marru nbagħad, bla ma jgħawġu, l-għorfa, u għarrfu b'kollox lil Grisu. Dlonk, dan qiegħed f'rasu biċċa ta' kappell daqsiex, fuq dahru mantar ta' l-inċirata, miżrugħ qxur tal-gajdri; qabad ħatar ta' pellegrin, qal: — immorru ta' rġiel: ara titnifsu, u għajnejkom fija, — mexa l-ewwel wieħed, l-oħrajn warajh ; u, f'daqqa waħda, waslu d-dwejra, minn triq biswit dik li minnha kienet tbiegħdet it-tajfa żgħira tagħna, sejra hija wkoll tilħaq biċċa dmir li kellha. Grisu waqqaf in-nies tiegħu, ftit il-bogħod, għadda l-quddiem waħdu ħalli jitkixxef, u, jilmaħ kullimkien baħħ u ħiemed barra, ġagħal jersqu tnejn minn dawk il-ħajjiena, amarhom li jaqbżu bla ħoss il-ħajt li kien jagħlaq il-bitħa, u, kif jinżlu ġewwa, li jistaħbew f'rokna, wara tina mwerrqa, li fuqha kien tafa' għajnejh fil-għodu. Hekk kif għamel dan, ħabbat qajl qajl, bil-fehma li jgħid li hu pellegrin li tilef it-triq,

li jitlob li jiskennuh sa ma jisbaħ. Ħadd ma jwieġeb: jarġa' jħabbat ftit aktar bil-qawwi; anqas qiżd. Imur inbagħad isejjaħ it-tielet minn dawk il-ħalliela u qattiela, iġagħlu jinżel fil-bitħa, bħat-tnejn l-oħra, u jaqla' qajl qajl is-sokkara, biex ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu bla xkiel. Kollox isir b'għaqal kbir, u kollox jimxi ħarir. Imur isejjaħ lill-oħrajn, idaħħalhom miegħu, jibgħathom jinħbew ma' ġenb ta' l-ewwel; jersaq qajl qajl lejn il-bieb li jâti għat-triq, jonsob ħdejh żewġ għases min-naħħa ta' ġewwa; u jibqa' sejjer għall-bieb tal-għorof t'isfel. Iħabbat ukoll hemm, u jistenna: kien jista' jistenna qatigħ. Jaqla' bla l-iċken ħoss dak il-bieb ukoll: ħadd minn ġewwa ma jgħid: min hemm ?; ma tinsamâx ruħ: ma tistâx tmur aħjar. Nimxu mela: — st, — isejjaħ lil dawk ta' taħt it-tina, jidħol magħhom fil-għorfa t'isfel, fejn, fil-għodu, ruħ ħażina, kien ittallab dik il-loqma ħobż. Joħroġ mill-but lixka, żnied u kubrita, jixgħel imnara żgħira li kellu, jidħol fil-għorfa l-oħra, tal-ġewwa minn dik, biex jagħmel tajjeb lilu n-nifsu li m'hemm fiha ħadd: m'hawn ħadd. Jarġa' l-ura, imur għall-bieb tat-taraġ, igħarrex, iressaq widnejh: ħadd u skiet. Iħalli żewġ għases oħra isfel, iġagħal jimxi warajh lil Grinjapoku, li kien *bravu* mill-inħawi ta' Bergamu, li hu biss kellu jhedded, isikket, jamar, f'kelma waħda, jitkellem, sabiex kliemu kien jista' jġagħal tifhem lil Anjeża li kienu mibgħutin minn hemm. B'dan ma' ġenbu, u l-oħrajn warajh, Grisu jitla' qajl qajl, jidgħi f'qalbu għal kull tarġa' li ċċaqċaq, għal kull medda ta' riġel ta' dawk il-għafsin li tagħmel ħoss. Fl-aħħar wasal fuq nett. Hawn il-libru. Jinbotta ħafif il-bieb li jâti għall-ewwel għorfa; il-bieb jerħi, jitbexxaq: iqiegħed għajnu; dlam ċappa: iqiegħed widintu, biex jisma' jekk xi ħadd hux jonħor, jieħu n-nifs, jiċċaqlaq hemm ġew; xejn. Nimxu mela: iqiegħed l-imnara quddiem wiċċu, biex jara, minngħajr ma jarawh, jiftaħ beraħ il-bieb, jilmaħ sodda; jintafa' għal fuqha: is-sodda magħmula u watja, bix-xaqliba mdawra, u mifruxa fuq l-imħaded. Jiġbed spallejh, idur fuq sħabu, jegħmiżhom li sejjer jara fil-għorfa l-oħra, u biex jiġu warajh minngħajr qiżd; jidħol; itenni jagħmel bħal qabel, isib xorta.—X'il-mniegħel ?—igħid inbagħad: ewilla xi kelb lagħabna u mar kixifna ? — Jaqbdu lkoll, b'inqas ħsieb, iħarsu u jgerfxu f'kull rokna, jagħqilbu d-dar ta' taħt fuq. Waqt li dawn mehdijin f'dan, it-tnejn li qegħdin jagħmlu l-għassa, fil-bieb tat-triq, jisimgħu taħbit imgħaġġel ta' riġlejn, li qiegħed joqrob bil-ħeffa; jistħajlu li, hu min hu, jibqa' għaddej; ma jittiesfux, u, għal dak li jista' jkun, iżommu ruħhom imhejjijin. U tabilħaqq, it-taħbit waqaf sewsew mal-bieb. Kien Duminku li

kien ġej bil-ġirja, mibgħut minn patri Kristôfru biex iwissi liż-żewġ nisa ħalli, għal Alla, ifittxu jaħarbu minn ġod-dar u jmorru jinġabru ġol-kunvent, għaliex... il-għaliex tafuh. Jaqbad il-għalaq tas-sokkara, biex iħabbat, u jħossha tiċċaqlaq f'idu, imneħħija mill-imsiemer u maqlugħa.- -Hawn x'hawn?—jaħseb ġo fih ; u jitfa' l-bieb il-ġewwa bil-biża' : dak jinfetaħ. Dumînku jmidd riġlu ġewwa, jitħasseb sħiħ, u jħoss dlonk min jaħtfu minn dirgħajh, u tnejn, li minn taħt il-lsien, wieħed mill-lemin u l-ieħor mix-xellug, igħidulu b'leħen ta' theddid:— iskot ! jew int mejjet. — Hu bil-maqlub iwerżaq twerżiqa ; wieħed milli ħafnuh jitfagħlu idu fuq ħalqu ; l-ieħor joħroġ sikkina daqsiex, biex ibeżżgħu. It-tifel jitriegħed qisu werqa, u anqas biss ifittex li jgħajjat ; iżda, ħin bla waqt, għalih, u b'leħen li m'għandux x'jaqsam, jinsama' dak l-ewwel tokk ta' qampiena, inbagħad xebgħa tokki wieħed wara l-ieħor. Min hu fin-naqas jaħseb ħażin, jgħid il-qawl milaniż: il-wieħed u l-ieħor dawk il-ħajjiena deherlu li qiegħed jisma' f'dawk it-tokki ismu, kunjomu u laqmu ; jitilqulu dirgħajh lil Dumînku, jiġbdu l-ura tagħhom bil-ħeffa, jiftħu idejhom u ħalqhom, iħarsu f'wiċċ xulxin, u jitilqu b'ġirja għad-dar, fejn kien hemm il-biċċa l-kbira tat-tajfa. Dumînku joħroġ jiġri mat-triq, għan-naħħa tal-kâmpnar, fejn hekk jew hekk xi ħadd kellu jkun hemm. Dawk il-friegħen l-oħra li kienu qegħdin iqallbu d-dar, minn fuq s'isfel, it-tokk waħxi kien laqathom xorta waħda: jinfixlu, jixxerrdu, jaħbtu ma' xulxin : kull wieħed ifittex l-iqsar triq biex jasal għall-bieb. U tgħid kienu kollha nies imġarrba u mdorrija turi snienha ; iżda ma setgħux iżommu bil-biża' ta' ħsara, li ma kenux jistgħu jistħajlu x'kienet sewwa, u li ma kenitx ħalliethom jarawha ftit mill-bogħod, qabel ma ġiet fuqhom. Riedet tkun is-setgħa kollha ta' Grisu biex iżommhom flimkien, hekk li jerġgħu l-ura kif ġew u ma jaħarbux. Bħall-kelb li miexi ma' merħla qżieqeż, jiġri issa l-hawn u issa l-hinn wara dawk li jixterdu; lil dak jaqbdu bi snienu minn widintu, u jiġbdu għall-merħla ; lil dan jinbuttah b'geddumu ; jinbaħ lill-ieħor li fil-waqt ħiereġ mill-qabda; hekk il-pellegrin jaħfen wieħed minn dawk, li kien għoddu laħaq il-għatba, u jiġbdu l-ura ; ikeċċi l-ura bil-ħatar wieħed, tnejn li kienu sejrin għal dik in-naħħa : igħajjat lill-oħrajn li sejrin jiġru 'l hawn u 'l hinn, minngħajr ma jafu għalfejn : hekk li ġabarhom ilkoll f'nofs il-bitħa ż-żgħira. — Isaw, isaw ! il-pistoli fl-idejn, is-skieken barra, ilkoll flimkien: u nbagħad immorru: hekk għandna nitilqu. Min tridu li jmissna, jekk ningħaqdu, boloh li intom ? Imma, jekk inħalluhom jaqbduna wieħed wieħed, imqar in-nies tar-raħal,

jilagħbulna. Għajb għalikom, warajha, u flimkien. — Wara din it-teħġiġa qasira, mar qagħad fir-ras, u ħareġ l-ewwel wieħed. Id-dwejra, kif għidna, kienet f'tarf ir-raħal; Grisu qabad it-triq li kienet tieħu għal barra, u kollha tqassmu u baqgħu mixjin hekk warajh.

**Dun Pawl**

# X'QASMA TA' QALB!

Kien hemm darba xiħ li la kien jara u l-anqas jisma' iżjed, u kellu riġlejh jirtogħdu. L-imsejken, meta kien jiġi biex jiekol, kien ixerred il-minestra fuq il-mejda, u drabi wkoll tiċċallas ma' wiċċu għaliex l-imgħarfa f'idejh kienet donnha qasba fir-riħ. Il-kenna bdiet tistmerru u ibnu wkoll, u fl-aħħar ma reduhx iżjed magħhom fil-mejda u kellu jibda joqgħod f'rokna jiekol daqxejn tisjir f'iskutella: iżda darba waħda li idejh kienu jirtogħdu iktar, l-iskutella żelqitlu minn idu u saret bċejjeċ — Jommi! hemm trid tisma' x'ilsien telqet il-kenna: ix-xwejjaħ anqas biss wieġeb, għaddas rasu u demgħa feġġet fuq xfar għajnejh u tniehed tnehida! Il-għada fettxew xtraw siett tal-landa u qalulu: "Dan issa ma tfarrkux!"

Dik il-lejla iben ix-xiħ u l-kenna lemħu lil binhom mixħut fl-art, qiegħed jilgħab bil-bċejjeċ ta' l-iskutella. "X'int tagħmel hemm?" Staqsieh missieru. "Qiegħed inwaħħal il-bċejjeċ ta' l-iskutella biex meta nilħaq raġel nati 'l missieri u 'l ommi fejn jieklu!"

Il-missier u l-omm taw ħarsa lil xulxin, ma felħux iktar iżommu, infexxu jibku..... Hadu mill-ġdid 'in-nannu magħhom fuq il-mejda u minn dak il-jum il-quddiem ma żidux iktar jaħqruh.

(Il-Belt.)

**Ç. M. D.**